**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 324/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs.**

**Charlot Camilleri**

Illum il-5 ta' Ottubru 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest lil Charlot Camilleri, 36 sena, detentur tal-ID 39582,M iben Emanuel u Rose xebba Borg, imwieled nhar it- 28 ta' Dicembru 1981 gewwa tal-Pieta' u residenti numru 204, Triq Sammat, Hal-Tarxien, numru tal-mobile 99622665.

Akkuzat talli b' diversi atti maghmula minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni

wahda, u cioe' talli bejn is- 7 ta' Mejju 2017 u id- 9 ta' Mejju 2017 ikkommettejt serq ta' flus ta' €500 mill-hanut Love Pizza li jinsab fi Triq ir-Rihan, Fgura ghad-dannu ta' Redent Zammit liema serq hu aggravat bil-valur, bil-persuna, u dan bi ksur tal-Art 18, 261, 267, 268 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi wettaq reat de quo waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it- 23 ta' Settembru 2015 mill-Qorti tal- Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C.Stafrace Zammit LL.d.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 261 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Charlot Camilleri u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li wara li saret korrezzjoni fl-imputazzjoni awtorizzata mill-Qorti kif diversament preseduta, rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2017, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 84-86 ta' l-atti processwali
[3] Folio 94 ta' l-atti processwali

Rat il-kunsens tal-Avukat General sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-17 ta' Ottubru 2018.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Mejju 2021.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda kollha, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal perjodu ta' bejn is-7 ta' Mejju u l-10 ta' Mejju 2017 meta gie rapportat gewwa l-ghassa tal-Fgura minn certu Redent Zammit li l-lavrant li kellu, cioe l-imputat, kien qieghed jitfi l-kameras tas-CCTV sabiex jehodulu l-flus mill-*cash register* u jisirqu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

[4] Folio 9 ta' l-atti processwali
[5] Folio 74 ta' l-atti processwali
[6] Folio 115 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2017 xehed l-Ispettur Hubert Cini, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Luqa li spjega li fil-11 ta' Gunju 2017, certu Redent Zammit ghamel rapport ma PS 185 Roger Mifsud illi kien induna illi fl-ewwel jiem ta' Mejju, bejn is-7 u l-10 ta' Mejju 2017, il-haddiem Charlot Camilleri, li kien jahdem fil-hanut tieghu Love Pizza gewwa l-Fgura kien seraq €500 fi flus kontanti. Zammit kien stqarr li gieh suspett li kienet qed issir xi haga hazina ghax Camilleri kien qed jifti s-CCTV ghal ftit tal-hin u imbaghad jerga' jixghelu. Ix-xhud spjega li huwa kien baghat ghall-imputat fejn dan ta stqarrija wara li kkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu. L-imputat kien ammetta li ha xi flus minhabba li skont hu, ma kellux flus minhabba li Zammit ma kienx qed ihallsu. Stqarr ukoll li sa dakinhar huwa kien tkellem ma' Zammit u ftiehem mieghu li jirritona l-flus hekk kif jerga' jaqbad jahdem.

Fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2017 xehed PC 1080 Evan Scerri, stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid li li kkonferma li huwa kien prezenti meta ttiehdet l-istqarija tal-imputat wara li dan kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Huwa gharaf il-firma tieghu a Fol 7 tal-process.

Fl-istess seduta xehed PS 185 Roger Frank Mifsud, stazzjonat fl-ghassa tal-Fgura, li spjega li nhar il-11 ta' Gunju 2017 kien xoghol fl-Ghassa tal-Fgura meta dahal rapport minghand certu Redent Zammit li bejn is-7 u l-10 ta' Mejju ta' qabel, kienu nsterqu €500 mill-*cash register* tal-hanut tieghu Love Pizza, li qieghed fi Triq ir-Rihan, il-Fgura. Skont il-kwerelant, dawn il-flus kienu insterqu mill-imputat Charlot Camilleri li gie identifikat minn filmati CCTV li gew ukoll mghoddija lill-pulizija flimkien ma xi konversazzjonijiet tal-*mobile*.

Min-naha tieghu, ix-xhud informa lill-Ispettur sabiex isiru aktar investigazzjonijiet.

Fl-istess seduta xehed Redent Zammit li stqarr illi huwa kien ghamel rapport mal-pulizija minhabba li skont hu kien qabad lill-imputat Charlot Camilleri jitfilu l-*cameras* tal-hanut fejn kien jahdem bhala pizzar u kull darba jsib il-kexxun tal-flus vojt. Spjega li kien ikun hemm okkazjonijiet fejn l-imputat kien ikun wahdu fil-hanut minhabba li kien jibqa' tal-ahhar biex inaddaf. Meta kkonfrontah fuq il-flus nieqsin, l-imputat stqarr li kien ha €500 u ftehmu li jaghtihomlu lura bin-nifs, biss li dawn baqghu ma waslux. Ix-xhud ipprezenta ghadd ta' filmati CCTV, *screenshots* ta' messaggi kif ukoll registrazjonijiet ta' konversazzjonijiet li kellu mal-imputat. Ix-xhud iccara li l-messaggi kienu minn numru 99622665 li huwa tal-mobile tal-hanut. Bhala fatt, il-linja hija registrata fuq isem Cynthia Zammit, it-tifla tax-xhud. Ix-xhud rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 fejn huwa ipprezenta estratti ulterjuri mill-mobile.

Aktar 'il quddiem kien rega' xehed Redent Zammit nhar is-7 ta' Mejju 2021 fejn kien ikkonferma bil-gurament li kien gie imhallas u kumpensat tal-ammont kollu ghas-saldu tal-pretensjonijiet dovuti lilu u li min-naha tieghu kien qed jahfer lill-imputat ta' dak kollu li kien ghamel.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat tas-serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli kkometta serq liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-

hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[7]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-valur u tal-persuna. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-persuna jista jigi addebitat, fost ohrajn skond l-artikolu 268(d), fil-konfront tal-"*apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu*".

[7] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[8] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-15 ta' Lulju 2017, u cioe 'il fuq minn xahrejn wara l-incident, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Luqa fl-ufficju ta' l-Ispettur Hubert Cini fil-prezenza ta' PC 1080 Evan Xerri u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghamel uzu minn dan id-dritt u kkonsulta ma avukata.[9]

Illi fl-istqarrija ta' l-imputat, l-imputat Charlot Camilleri ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu kif ukoll li wiegeb ghad-domandi li sarulu.

PC 1080 Evan Xerri fix-xhieda tieghu ikkonferma l-firma tieghu li kien prezenti meta ttiehedet l-istqarrija ta' l-imputat u meta nghata d-dritt tal-parir legali qabel l-interrogatorju.[10]

---

[8] Folios 7-8 ta' l-atti processwali
[9] Folio 7 ta' l-atti processwali
[10] Folio 26-27 ta' l-atti processwali

Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat ammetta li kien jahdem gewwa l-hanut *Love Pizza* u li ha flus fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500) mill-cash register.

*"M. Il-Pulizija rceviet rapport minghand Redent Zammit illi fil-bidu ta' Mejju 2017 waqt li kont qed tahdem fil-hanut tieghu Love Pizza fil-Fgura kont hadt mil-cash register Ewro 500, veru dan?*

*T. Vera*

*M. Nghid sewwa li qabel ma hadt dawn il-Ewro 500 inti tfejt il-camera li tinsab fil-hanut u hadt dawn il-flus?*

*T. Iva*[11]

Bhala mottiv ta' ghalfejn ha l-flus jispjega li r-raguni kienet minhabba li *"ma kellhiex flus, hu kien jhallasni imma daqqa bin-nieqes u daqqa 'l hemm u daqqa 'l hawn."*

**Ikkunsidrat**

**Provi mressqa**

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Hubert Cini irrizulta li l-vittma Redent Zammit kien jimpjega lill-imputat fil-hanut tieghu *Love Pizza*. Illi kien induna li l-imputat kien seraqlu hames mitt Euro (€500) fi flus kontanti u kien qieghed jaghmel dan billi jitfi s-CCTV camera ta' l-istess hanut u wara ftit jerga' jixghelhom.

L-ufficjal prosekutur ipprezenta kopja tas-CCTV *footage* li juri l-hinijiet ta' meta kien jitfi u jixghel il-cameras.[12] Illi wara li l-Qorti ezaminat dan is-CCTV *footage* irrizulta l-istess kif ukoll zewg *audio recordings* bejn zewgt irgiel (presumibilment l-imputat u l-parte leza) jitkellmu dwar il-flus li nsterqu.

[11] Folio 8 ta' l-atti processwali
[12] Dok HC1, Folio 20 ta' l-atti processwali

Illi dan kollu gie wkoll ikorroborat mix-xhieda ta' PS185 Roger Frank Mifsud li jirrizulta li kien l-ufficjal tal-pulizija li kien ha r-rapport inizjali[13] kif ukoll li semma l-*audio recordings* esebiti[14] fejn instema l-imputat jammetti li seraq l-flus.

Illi irrizulta wkoll li c-CCTV *footage* esebit kien skarikat mit-tifla tal-vittma, Chantelle Zammit, u li l-parte leza li kien ghadda dan il-*footage* lill-pulizija ma kienx ra l-kontenut tieghu.[15]

Il-prosekuzzjoni naqqset li ttella' lil Chantelle Zammit sabiex tikkonferma li kienet hi stess li ttelghet ic-*CCTV footage* fuq il-*pendrive* li giet esebita.

Ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandiex il-prova necessarja li taccerta u tikkonferma s-sors ta' din il-prova li giet esebita u l-kontenut dwar l-istess. Dan ifisser li din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din il-prova bhala wahda kompluta u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonsidra dan l-istat ta' fatt fid-deliberazzjoni finali taghha.

Illi mix-xhieda tal-vittma Redent Zammit[16] irrizulta li kien qabad lil imputat, li jigi l-kugin tieghu u dak iz-zmien kien jahdem mieghu, jitfi l-*cameras* gewwa l-hanut tieghu diversi drabi u kull meta kien issir hekk kien issib il-kexxun vojt. Wara li kien qabdu u ikkonfrontah bir-reat, l-imputat kien ammetta li serqu i kienu ftehmu pagamenti sabiex ihallsu lura ghal flus li nsterqu

*"Pros: Jigifieri nifhem sewwa li int qed tghid li huwa qallek li hadhom hu?*

*Ix-xhud: Iva mela! Ammetta li ha jtihomli mija fil-gimgha."*[17]

---

[13] Folio 4-6 ta' l-atti processwali
[14] Dok HC1
[15] Folio 34 ta' l-atti processwali
[16] Folio 31-59 ta' l-atti processwali
[17] Folio 33 ta' l-atti processwali

Ix-xhud f'dan ir-rigward esebixxa sensiela ta' messaggi stampati[18] li jikkonfermaw li l-imputat kien ser ihallsu lura l-flus li seraqlu izda finalment l-imputat qatt ma halsu xejn lura.

Sussegwentement ix-xhud esebixxa kemm *pen drive*[19] CD iehor bi provi. Meta l-Qorti ezaminat il- *pen drive* irrizulta li kien jikkontjeni tlett *folders*. L-ewwel wiehed kien ta' CCTV *footage* li kien diga esebit. It-tieni *folder* li huwa mmarkat "photos" kien compost minn diversi still li meta tifta kull wiehed minnhom ma jirrizultawx ritratti cari u li l-Qorti tista tezamina. Mit-tielet *folder* jirrizulta z-zewg *audio files* li kienu diga esebiti.

Meta l-Qorti ezaminat c-CD esebit sabet li kien vojt (*blank*) u b'ebda informazzjoni fih.[20]

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-provi mressqa ma kinux kompluti u li setghu tressqu b'mod aktar galbat.

Madankollu, dan ma jfissirx li r-reati addebitati lill-imputat b'daqshekk ma jirrizultawx. Fil-fatt, din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi, jirrizulta bl-aktar mod car, li kien proprju l-imputat li seraq dawn il-flus, li, gjaladarba kien ikun wahdu, kien proprju hu li kien qed jittenta jahbi l-passi tieghu billi jitfi l-*cameras* tas-sigurta', u li sahansitra ammetta mal-parte leza b'dan kollu, tant li weghdu li jirrimbursah ratealment. Filfatt, jinghata x'jinftiehem li l-parti leza Zammit kienet (inizjalment) ghazlet li zzomm kollox kwiet bejnha u bejn l-imputat, u li ma tinvolvix il-pulizija, basta tithallas lura. Tant hu hekk, li Zammit kien dam aktar minn xahar sakemm irrapporta l-akkadut. Jirrizulta wkoll li kien proprju meta l-imputat ma kienx qed ihallsu lura li Zammit iddecieda li jirraporta. Il-komportament tal-parte leza, kif qed jinghad, huwa wiehed kredibbli u fic-cirkostanzi kollha tal-hajja, wiehed uman. Meta mbaghad Zammit, fdat ghal

---

[18] Folio 39-55 ta' l-atti processwali
[19] Folio 60 ta' l-atti processwali
[20] Folio 61 ta' l-atti processwali

darb'ohra, kiser dik l-istess fiducja, Zammit ghazel li jirraporta kollox lill-awtoritajiet. Dan la jzid, u lanqas ma jnaqqas xejn mill-imputazzjonijiet li, kif qed jinghad, fil-fehema tal-Qorti, jirrizultaw ipprovati. Fir-rigward tal-aggravji tal-ammont u tal-persuna, ma jirrizultax kontestat li l-imputat kien haddiem ta' Zammit, u li l-ammont in kwistjoni kien €500. Ghalhekk, anke l-aggravji jirrizultaw ipprovati.

**Ikkunsidrat**

**L-Addebitu tar-Recidiva u ksur ta' sentenza sospiza**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289[21] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-23 ta' Settembru 2015 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Straface Zammit.

Illi l-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi f'dan ir-rigward[22] u ghandu jinghad li z-zewg sentenzi li gew esebiti fil-konfront tal-imputat kienu dwar serq.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

Illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet zewg sentenzi.

[21] Erronjament indikat bhala l-artikolu 261 fl-imputazzjonijiet
[22] Folio 21-25 u ripetuti folios 63-67 ta' l-atti processwali

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-23 ta' Settembru 2015 l-imputat kien gie ikkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li ihallas lura ammont ta' flus lill-parti leza.

Illi r-reat mertu ta' din il-kawza sehh f'Mejju tal-2017 u entro t-termini tal-perjodu ta' erba snin sospizi

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-16 ta' April 2012 l-imputat kien gie misjub hati ta' serq u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza.

Illi fir-rigward dawn iz-zewg sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali. Mill-atti processwali ma jirrizultax li ntalbet jew inghata ezenzjoni mid-difiza ta' l-imputat sabiex ikun hemm ezenzjoni mill-ufficjali prosekuturi ta' dawn is-sentenzi bhala prova ta' l-identita ta' l-imputat. Madankollu l-Qorti xorta tqis is-sentenzi in kwistjoni bhala validi in vista tal-fatt li l-konnotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50 kif ukoll li l-imputat wettaq reat waqt perjodu ta' sentenza sospiza.

Stante li s-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat u cioe' jaghti lok ghal zieda fil-piena skond l-istess disposizzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm m'hiex voliminuza turi zewg reati ohra relatati mas-serq li sehhu ftit snin qabel dan ir-reat. Illi ghalhekk jidher li minkejja li l-imputat inghata opportunitajiet ohra sabiex jirriforma ruhu xorta baqa ma apprezzax u m'ghamilx uzu mill-opportunitajiet li nghatawlu sabiex ibiddel hajtu. Minflok jidher li bhal donnu dawn is-sentenzi gew skartati u l-imputat baqa ghaddej jikkometti reati simili ta' serq.

-Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li fl-istqarrija ta' l-imputat gharaf li zbalja u jistqarr li jidispjacih talli seraq lill-vittma, li jigi l-kugin tieghu u lest li jaghti l-flus lura.

-Il-Qorti semghet l-parte jiddikjara li l-imputat hallas u kkumpensah ghas-saldu ta' kull pretensjoni li kellu u li kien qed jahfirlu ta' dak kollu li ghamel.

-Illi b'analogija ghax-xena lokali, l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

-Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

-L-imputat donnu ma jridx jirriforma hajtu ghalkemm inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan u dina l-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn serjament jindirizza l-imgieba tieghu. Din il-Qorti ghalhekk, in vista li huwa evidenti li l-imputat kiser il-fiducja moghtija lilu diversi drabi, kif ukoll ghaliex ghandha r-responsabilita' tara li s-socjeta tigi salvagwardjata mill-atti kriminali tieghu, tqis li ghandha timponi piena karcerarja effettiva fuqu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(d), 49, 50, 289, u l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Charlot Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva flimkien, il-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tordna li s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2015 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tibda ssehh ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2), ghal perjodu ta' habs effettiv totali ta' sentejn u tmien xhur prigunerija.

**Moghtija illum nhar il-5 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**